TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 448/10

**Paul Vella**

**vs**

**Kenneth Camilleri f'ismu personali u eżerċenti fin-negozju taħt l-isem Lee Maintenance**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet mitt ewro (€300), rappreżentanti depożitu li ħallas għal xogħolijiet li kellhom isiru mill-intimat u wara li bdew ix-xogħolijiet waqfu wara ftit u ma reġgħux tkomplew.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ħallas tliet mitt ewro (€300) depożitu sabiex l-intimat jibda jagħmel xogħolijiet ta' manutenzjoni fuq id-dar tar-rikorrenti u li minkejja li kien mar għal ftit, ma reġax mar biex ikompli x-xogħol.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunal jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

Għaldaqstant, it-Tribunal wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti, jinnota li l-verżjoni tiegħu hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimat iħallas is-somma ta' tliet mitt ewro (€300), bl-ispejjeż kontra l-istess intimat, inklużi l-ispejjeż ta' l-Affissjoni.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**